MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 485/2003

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Carmelo Zammit
Paul Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Carmelo Zammit u Paul Zammit ta' karta ta' identita' 238564(m) u 623261(m) rispettivament, akkuzati talli fit-18 ta' Mejju 2003 ghal habta ta' xi 8.00pm gewwa l-Belt Valletta u aktar tard gewwa l-Furjana:

(a) minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu l-hajja ta' Balan Bogdan ta' nazzjonalita Rumena f'perikolu car, ikkagunajtu feriti ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha

tal-istess Balan Bogdan skond kif iccertifika Dr Michael Spiteri M.D ta' l-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) ikkagunajtu feriti fuq l-istess Balan Bogdan skod kif iccertifika Dr Michael Spiteri ta' l-Isptar San Luqa, liema feriti igibu mard tal-mohh jew tal-gisem li jdumu ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, zammew lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) hebbew ghal Balan Bogdan sabiex jinsulentawh, iweggawh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) qalu fil-pubbliku kliem oxen jew indecenti jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) lil Carmelo Zammit wahdu talli bezaq fid-direzzjoni ta' Sharon Zammit u dan bi ksur tal-Artikolu 38(1)(k) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat t-talba sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi hlief ghall-ahhar akkuza ta' indoli kontravenzjonali, l-imputati huma akkuzati b' reati u kontravenzjonijiet li huma komuni ghat-tnejn. L-akkuzi jirreferu ghall-incidenti li sehhew kemm il-Belt u kemm il-Furjana, izda li kellhom il-bidu taghhom gewwa l-Belt u precizament f'Triq l-Ixprun, meta Sharon Zammit kienet marret flimkien mal-midrub,

certu Bogdan, tigbor it-tifla minghand zewgha Joseph Zammit li jigi hu l-imputat Carmelo u wkoll tal-imputat Paul Zammit. Mhux kontestat hawnhekk illi l-imsemmija konjugi Sharon Zammit u Joseph Zammit kienu separati de facto u kienu gja inoltraw l-proceduri ta’ separazzjoni bejnithom. It-tifla minuri u komuni taghhom kienet taht il-kustodja tal-mara b’dritt ta’ access minn zewgha. Mill-provi jirrisulta li kien proprju meta Joseph Zammit nizel jikkonsenja lill-minuri lill-martu li l-imputat Carmelo Zammit ha fastidju bil-presenza tal-kwerelant, l-imsemmi Balan Bogdani, u in segwitu sehhew l-incidenti.

Illi din l-Qorti fliet ix-xhieda kontrastanti prodotta, senjatament kemm dik ta’ Sharon Zammit u ta’ Bogdani minn naha wahda u dik tal-imputat Carmelo Zammit minn naha l-ohra, stante li l-imputat l-iehor ma xehedx, u wara li kkunsidrat ic-cirkustanzi u l-fattispecie tal-kaz, flimkien ma’ fatturi ohra, nislet fiha l-konvinciment morali li ghandha tahti kredibilita lill-versjoni tal-kwerelant stante li hi l-aktar verosimili u konfacjenti mal-fatti li sviluppaw. Ghalhekk isegwi li l-imputat Carmelo Zammit ghandu fiz-zgur jirrispondi ghall-aggressjoni ta’ Balan Bogdan. Issa fil-konfront ta’ dan l-imputat hlief ghall-ahhar akkuza li hi kontravenzjonali l-ebda wahda mill-akkuzi enumerati (c),(d) u (e) ma tirrizulta pruvata.

Illi fil-konfront tal-ko-akkuzat Paul Zammit jirrisulta li huwa ppartecipa fl-aggressjoni tal-imsemmi Bogdan fil-poliklinika tal-Furjana u dan jirrisulta fic-car mix-xhieda ta’ Sharon Zammit mhux kontradetta minnu billi hu ghazel li ma jixihdx. Minbarra ghal dan ma jirrisultawx l-akkuzi l-ohra kontra dan l-imputat.

Illi fil-konfront tal-ewwel zewg akkuzi, komuni ghaz-zewg imputati, li jirrisulta mix-xhieda, senjatament ta’ Bogdani, hu li sofra xi griehi izda dawn il-griehi ma jirrisultawx li jistghu jitqiesu bhala gravi. L-istess kwerelant xehed li ma ippersistewx oltre gimghatejn. Wkoll it-tabib li immedikah ma tellax biex jixhed u ghalhekk lanqas hemm il-prova li l-imsemmi kwerelant baqa isofri xi konsegwenzi minhabba l-aggressjoni li irceva.

Inghad dan z-zewg imputati ghandhom jirrispondu li kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Balan Bogdan waqt li l-imputat Carmelo Zammit ghandu wkoll jirrispondi tal-offiza kontravenzjonali bi ksur tal-Artikolu 38(1)(k) tal-Kap 9. Issibhom ghalhekk hatja it-tnejn b'daqshekk u lill-imputat Carmelo Zammit wkoll talli bezaq fid-direzzjoni ta' Sharon Zammit. Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-Artikolu 221 tal-Kap 9 u wkoll fil-konfront tal-imputat Carmelo Zammit l-Artikolu 38(1)(k) tal-Kap 10. Wara li hadet qies l-involviment taghhom fl-aggressjoni tikkundanna lill-imputat Carmelo Zammit multa ta' mija hamsa u sebghajn lira maltin (Lm175) oltre ghall-ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25) komplessivament mitejn lira maltin (Lm200) u lill-imputat Paul Zammit multa ta' mija u hamsin lira maltin (Lm150). Tordna li fin-nuqqas ta' hlas zmien xahar mill-lum l-imsemmija ammonti jigu konvertiti f'tlett xhur u xahar prigunerija rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------